**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 04/12(30_04_12).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 30 t' April 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fis-1.30 ta' wara nofsinhar.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Kunsillier.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-27 t' April 2012.

1. Festa 2012 ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.
2. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
3. Rapport tas-Sindku.
4. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
5. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
6. Materji oħra.

**1.00 Festa 2012 ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.**

1.01 Ġie deċiż li l-Kunsill jorganizza Serata għaż-Żgħażagħ nhar it-Tlieta, 22 ta' Mejju 2012 u Serata għat-Tfal nhar l-Erbgħa 23 ta' Mejju 2012. Għas-Serata tat-Tlieta l-ispiża ser tkun: *Sound* €200, *Floodlights* €50 u *DJ* €70 filwaqt li s-Serata tat-Tfal ser tiswa: *Sound* €170, *Floodlights* €50 u servizz ta' diversi Kantanti u Żeffiena €910.

1.02 Din is-sena l-Kunsill ser jikri *mobile toilet* għat-tlett ijiem tal-Festa, jiġifieri mill-Ġimgħa, 25 ta' Mejju 2012 sal-Ħadd, 27 ta' Mejju 2012. Bħas-snin l-imgħoddija, l-Kunsill ser iħallas għas-servizz ta' *high-up* sabiex jintuża għad-dwal tat-toroq.

**2.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

2.01 Bħalissa l-Beach Cleaners u l-ħaddiema tal-Works Division qegħdin jagħmlu xogħol ta' żebgħa fix-Xlendi. Iż-żebgħa qed tiġi pprovduta mill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Iż-żewġ Latrini tax-Xlendi qegħdin jinżebgħu wkoll.

2.02 Ħaddiema ta' l-IPSL qegħdin jibnu l-ħajt tas-sejjieħ fi Triq ta' Marżiena.

**3.00 Rapport tas-Sindku.**

3.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-*area* tas-Sanap qed isir *dumping* ta' materjal. Huwa kkuntatja lill-Pulizija fejn huma ssuġġerew li ssir *camera*.

3.02 Is-Sindku kellu laqgħa mas-Sur Delia rigward ir-rotta tal-Karozza tal-Linja għax-Xlendi. Mis-27 ta' Mejju 2012, il-*buses* għax-Xlendi ser jgħaddu mill-Munxar. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir *flyer* b' din l-aħbar u bil-ħinijiet lir-residenti tal-Munxar u lx-Xlendi. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lit-Transport Malta sabiex issir *Bus Stop* fid-daħla tal-Munxar, fejn Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina, fil-Pjazza tal-Knisja, fil-bidu ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957, fil-bidu ta' Triq Ras il-Bajjada, fi Triq il-Qsajjem, fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun u fil-*Parking* tax-Xlendi. Ġie deċiż ukoll li fil-*Bus Stop* ta' fejn Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina ssir *Bus Shelter*.

3.03 Il-Maltapost plc waħħlet kaxxa għall-posta li tintuża mill-Pustiera biss fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina. Peress li din saret f' kantuniera qed tostakola t-traffiku li jkun ħiereġ minn Triq il-Madonna tal-Karmnu. Huwa ilmenta mal-Maltapost plc u huma lesti li jħarrkuha, basta l-Kunsill jissuġġerixxi post ieħor. Il-Kunsill ser jissuġġerixxi li titwaħħal viċin il-*Bring in Site* ta' Triq Santa Dminka.

3.04 Is-Sindku ġie informat li ser issir *charging point* għall-karozzi li jaħdmu bid-dawl bħala parti mill-inizjattivi ta' Eco-Gozo. Din ser issir fil-*Parking* ta' ġewwa ta' Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina.

3.05 Is-Sindku attenda għas-*Seminar* dwar il-*White Paper* rigward il-ħsejjes.

3.06 Is-Sindku kkwota mir-rapport li għamlet il-Malta Standards Authority rigward Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina. Huma qegħdin jitolbu li ssir *gate* sabiex il-*Playhouse* u l-*Gazebo* jkunu mifrudin.

3.07 Għal din is-sena l-Kunsill ser ikompli jaħdem sabiex isiru t-toqob għall-arbli fid-daħla tal-Munxar.

Il-laqgħa spiċċat fit-3.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar it-Tnejn, 7 ta' Mejju 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija sabiex titkompla l-istess Aġenda.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***